MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2005

Numru 392/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**NOEL FALZON**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NOEL FALZON** ta' tletin sena bin Charles u Patricia nee Mansfield, imwieled Sliema nhar l-hamsa ta' Novembru 1970 u residenti 18, Triq San Stiefnu, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 448660M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-lejl ta' bejn s-sbatax u t-tmintax ta' Marzu 2001, f'B'Bugia, voluntarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claire Polidano skond kif iccertifika mit-tabib mediku tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli

jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-detriment ta' Claire Polidano;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurhom jew idejjaqhom, jew jghamel hsara lil dawn l-persuni jew lil haddiehor;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hedded lil Claire Polidano bi kliem;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies;

7. Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-sentenza datata sebgha w ghoxrin ta' Frar 2001 moghtija mill-awla numru 3 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet imponiet li l-akkuzat ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jinzamm il-bon ordni u l-paci pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi moghtija mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Gunju 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tad-dsatax ta' Settembru 2001, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 [fol 9 tal-atti].

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta' Gunju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 **xehdet l-Ispettur Maria Stella Cutajar** [fol 13] fejn qalet li fis-sbatax ta' Marzu 2001 kien sehh incident bejn Claire Polidano u l-imputat Noel Falzon, li gharfet presenti fl-awla, u spjegat li Claire Polidano kienet avvicincat lil Pulizija w infurmathom li kellha iggib certifikat mediku dwar xi griehi li kellha. Qalet li Claire Polidano kienet qaltilha li l-imputat kien avvicina r-residenza fejn kienet toqghod hi temporanjament fejn l-istess imputat kellu access permezz ta' cavetta li kellu. Din kienet allegat li hi kellha argument ma l-imputat peress li kien sgassa l-bieb u dahal gewwa fejn toqghod, kmieni filghodu fejn aggrediha u agixxa vjolenti maghha fis-sens li refa' idejh fuqha. Ix-xhud kompliet tghid li konsegwenza ta' dan l-incident l-mobile ta' Claire Polidano garrab hsarat estensivi kawzati mill-imputat, liema hsarat jeccedu l-hamsin lira maltin. Qalet li ghar-rigward l-griehi li allegatament garrbet l-istess Claire Polidano f'dan l-incident, ix-xhud esibit d-dokument MSC2 [fol 10]. Ix-xhud esibit wkoll l-istqarrija tal-imputat [fol markata bhala dokument MSC [fol 4] datata tlettax ta' Gunju 2001 fejn fuqha gharfet kemm il-firma taghha, dik ta' PC 829 Alan Dowell u l-firma tal-istess imputat. Minn ezami ta' din l-istqarrija fil-fehma tieghu jirrizulta li l-imputat kien ammetta li sehh incident u spjega kif sehh l-incident u qal li anke kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu fuq il-mobile, u ziedet tghid li din l-istqarrija ittiehdet dakinhar peress li ghall-ewwel Claire Polidano ma rieditx tiehu passi bil-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Ix-xhud, mistoqsija mill-parte civile, x'kienet r-raguni ghaliex Claire Polidano kienet talbitha sabiex temporanjament ma jittiehdux proceduri f'dan il-kaz, wiegbet li Claire Polidano xtaqet li twitti l-problema li kien hemm u cioe l-argument li kien hemm bejnha u bejn l-imputat u fil-fatt irrappurtat l-incident l-ghada. Ziedet tghid li pero wara gimgha li sehh l-incident, l-imputat kien ghamel rapport l-Ghassa B'Bugia fejn allega li Claire

Polidano kienet avvicinat l-fond Laura's Pub gestit minnu pero hu ma xtaqx li jittiehdu passi kontra taghha.
In kontro'ezami, ix-xhud Spettur Maria Stella Cutajar, meta giet mistoqsija dwar meta kien l-incident li dwaru l-imputat kien mar jaghmel r-rapport tieghu, ix-xhud wiegbet li dan kien gara qabel ma bdiet il-festa ta' San Pietru. Mistoqsija jekk l-imputat kienx ghamel rapport iehor l-ghada tal-festa, wara nofsinhar fejn allega li kien qed jigi provokat minn Claire Polidano, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u hi kienet baghtet ghalih u qaltlu x'kienet il-posizzjoni tal-Pulizija rigward l-istess kumpilazzjoni li kienet ghaddejja kontra tieghu u l-imputat kien qalilha li xtaq biss jhalli r-rapport miktub u li passi ma jittiehdux. Qalet li ghar-rigward l-incident l-iehor, u cioe dan in ezami, l-imputat kien lest li jhallas ghal mobile miksur minnu, liema mobile kien xtrah hu stess lil Claire Polidano. Qalet li hi kienet taf li kien hemm relazzjoni bejn l-imputat u Claire Polidano li pero kienet spiccat u li l-imputat kien qalilha li kien qed jircievi hafna telefonati minghand Claire Polidano. Ix-xhud qalet li l-imputat ma ried xejn minghand Claire Polidano, ried biss li thallih bi kwietu.

Nhar l-hamsa ta' Novembru 2001 [fol 38] **regghet xehdet l-Ispettur Maria Stella Cutajar** fejn esibit borza tal-plastic kif moghtija lilha minn Claire Polidano l-ghada tal-incident fejn din kienet ghadditilha l-bicciet u cioe partijiet mill-mobile fl-istess borza fejn imbaghad wkoll Claire Polidano kienet ghaddietilha stima liema oggetti gew mmarkati bhala dokument MS.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 **xehdet Claire Polidano** [fol 19] fejn bdiet biex qalet, fuq mistoqsija tal-parte civile x'kienet qed tippretendi mill-imputat, li hi riedet li l-kaz jitmexxa u jigi konkluz, mhux ghal punt ta' flus, izda ghal punt validu. Mistoqsija jekk kienx hemm xi zmien fejn hi kienet xtaqet li ma jittiehdux proceduri fil-konfront tal-imputat, ix-xhud wiegbet li kien hemm waqfin ta' xi gimgha, peress li l-imputat kien qalilha li speci ser jirranga kollox. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat kien mar wara l-bieb taghha, kien fis-sakra jew ma kienx f'sensih, u beda jhabbat. Qalet li l-qanpiena kienet mitfija u anke l-mobile taghha kien mitfi. Semghet storbju barra u tahbit mal-bieb

bis-sahha. Qalet li hi kienet rieqda u qamet. Dan kien ghal habta tal-erbgha ta' filghodu u kif fethet il-bieb tal-flat taghha, kien hemm l-imputat bil-ponn lest u kellu mazz cwievet f'idejh u bla raguni ta' xejn qabad jaghtiha fuq widnejha u l-hanek. Qalet li f'widnejha kellha d-demm u hi ppanikkjat peress li kienet mahsuda peress li kienet ghadha kemm tqum. Qalet li hu baqa jaghtiha u hi bdiet tipprova tigbor il-mobile biex iccempel l-Ghasa, pero hu gera warajha, qabdilha l-mobile u kissru f'elf bicca. Qalet li qabel beda jdahhal il-mobile f'halqu, jigdmu w imbaghad wadbu mal-hajt u kissru. Qalet li hi harget fil-gallarija tghajjat forsi xi hadd icempel lil Pulizija pero l-imputat telaq. Qalet li dak iz-zmien hi kienet tghix wahedha f'dak l-flat. Qalet li dak li ghamlilha l-imputat kien ghal xejn b'xejn ghaliex dak iz-zmien lanqas biss kienet qed tohrog mieghu. Qalet li dakinhar aktar qabel kienet qed tiehu *drink* B'Bugia, fejn l-imputat kien mar u telaq xi tlett darbiet imbaghad inqala l-incident in kwistjoni minghajr ma taha spjegazzjoni. Qalet li kif l-imputat telaq hi marret l-Ghassa u minn hemmhekk marret l-klinika minn fejn baghtuha l-isptar. Qalet li kellha *bleeding* f'widnejha, u kellha problemi fil-hanek li kienet ghadha tbati biha sa dakinhar li xehdet tant li setghet kelha bzonn xi operazzjoni.

Mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur dwar il-mobile, fis-sens, jekk hux proprjeta taghha, u kif sehh l-incident, ix-xhud wiegbet li l-mobile hu proprjeta taghha u kien fil-flat. Qalet li l-mobile kienet xtratu xi disghin lira maltin u kien tal-marka Siemens C35. Qalet li hi ma baqghetx tuzah u qieghed ghand l-Pulizija u li kienet xtrat iehor. Hi cahdet li l-imputat kien ta xi mobile. Qalet li wara li kissirulha kien qal li kien tahulha hu, pero fil-fatt ma kienx taha mobile. Qalet li l-mobile li kissrilha kien f'idejha waqt li kienet qed tipprova iccempel lil Pulizija, hu mar minn warajha wara li kien diga taha daqqa ta' ponn, hatfilha l-mobile, beda qisu jigdmu u sabbtu mal-hajt u baqa jaghtiha. Qalet li l-imputat kien qalilha 'Darb'ohra nghollik m'Alla …" qabel ma telaq. Qalet li dak l-hin l-imputat kellu mazz cwievet u bihom taha daqqa ta' ponn u hargilha d-demm u li l-bieb ta' isfel bid-daqqiet ta' ponn u sieq li tah, infetah. Qalet li l-bieb ta' fuq fethitu hi f'xi l-erbgha ta' filghodu meta semghet l-ghajjat u tahbit.

In kontro ezami, meta giet mistoqsija jekk kienx veru li jumejn wara l-incident, kienet iltaqghet mal-imputat fir-Rip Tide fejn l-imputat kien taha hamsa w tmenin lira tal-mobile, ix-xhud wiegbet fin-negattiv.  Qalet li kien ilhom tlett snin johorgu flimkien, liema tlett snin kienu vjolenti, dejjem isawwatha ghal xejn b'xejn, dejjem fis-sakra.  Qalet li l-imputat kien abbuza fuqha, mis-sitwazzjoni taghha peress li kienet dak iz-zmien taht kura medika.  Qalet li l-incident origina meta darba kienet s-South Ends tiehu drink ma huha, fejn l-imputat beda jcemplilha u kien huha li rrispondih, staqsih fejn kienu u l-imputat kien mar hemmhekk.  Qalet li dakinhar meta mar, kien kwiet, ma kien ghamel xejn, u kien mar u telaq xi tlett darbiet.  Qalet li peress li ma kienetx ghadha mieghu, hi ma kellmitux ghaliex bdiet tibza.  Qalet li wara kien gara l-incident fejn kien mar jhabbat il-bieb u aggrediha.  Qalet li dik ma kienetx l-ewwel darba li aggrediha ghal xejn b'xejn u li hi kienet dejjem tiddefendi ruhha.  Qalet li darba ohra kien hemm incident fl-Imriehel fejn kien fis-sakra l-imputat, nizel w ghamel ghaliha.  Qalet li l-incident tas-sbatax ta' Marzu gara meta ma kienux ghadhom flimkien.  Qalet li wara l-incident tas-sbatax ta' Marzu qatt ma regghu hargu flimkien.    Qalet li l-incident f'San Pietru kien inqala meta hi kienet qed tiehu drink barra l-hanut tal-imputat, waqatilha t-tazza minn idejha, u l-imputat kien ried jghid li kienet wadbitilu.  Qalet li kieku wadbitilu kienet tmur fid-direzzjoni tieghu mhux taqa mal-art.  Qalet li dakinhar kienu marru l-Pulizija u talbuha biex tmur l-Ghassa peress li kienet dejqet lil imputat, hi talbitu skuza u telqet lejn d-dar.  Qalet li dak kien l-uniku incident fil-hanut jew vicinanzi tal-imputat li qatt gara.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 **xehed PC 997 Joseph Busuttil** [fol 27] fejn qal li fis-sbatax ta' Marzu 2001, hu kien xoghol B'Bugia, u ghal habta tal-hamsa u nofs kienet marret Claire Polidano b'certifikat u qaltlu biex thallih hemm ghaliex kienet ghamlet rapport li kien aggrediha l-imputat.  Hu staqsiha jekk kellhiex fotokopja tieghu u peress li qaltlu li ma kellhiex, regghet haditu biex taghmel fotokopja tieghu pero sakemm dam xoghol hu ma marritx bil-fotokopja.  Qal li r-rapport li semmiet Claire

Polidano ma kienx sar ghandu, sar ghand Pulizija iehor ghall-habta tal-erbgha w nofs, skond kif kienet qaltu hi.

Nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 rega' xehed **PC 997 Joseph Busuttil** [fol 85] fejn, mistoqsi x'hin kienet marret Claire Poldano taghmel r-rapport ix-xhud wiegeb li dakinhar tas-sbatax ta' Marzu 2001, meta marret ghandu Claire Poldiano bic-certifikat, kienet qaltlu li kienet ghamlet rapport aktar kmieni dwar l-imputat lil Pulizija iehor u mhux lilu. Mistoqsi jiftakarx ghal liema data kienet qed tirreferi meta marret ghandu Claire Polidano taghmel r-rapport, ix-xhud ma ftakarx ghal liema data kienet qed tirreferi. Qal li r-rapport li kienet ghamlet referenza ghalih Claire Polidano kien ma Pulizija iehor.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 **xehed PC 1210 James Gauci** [fol 28] fejn qal li fil-lejl bejn s-sbatax w it-tmintax ta' Marzu 2001, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu kienet marret Claire Polidano l-Ghassa u qaltlu li kellha argument mal-imputat u li l-istess imputat kien refa' idejh fuqha u kisrilha xi affarijiet tad-dar, qal li hu dak l-hin kien baghtha taghmel certifikat mediku u hija hekk ghamlet. Qal li hu mbaghad kien informa lis-Surgent PS 297 Teddy Baldacchino.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2001 **xehed PS 297 Teddy Baldacchino** [fol 29] fejn beda biex qal li dwar l-incident hu ma kien jaf xejn ghaliex meta dahal ghax-xoghol il-Kuntistabbli 1210 kien infurmah li fl-erbgha w nofs ta' filghodu kienet marret Claire Polidano li pero kellha terga tmur u dan peress li kienu kissrulha xi mobile. Qal li pero sakemm dam xoghol hu, Claire Polidano baqghet ma marritx. Mistoqsi jekk rapport fil-computer kienx hemm, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li hu ma setghax johdilha r-rapport ghaliex ma kienetx marret ghandu, peress li kellha terga tmur. Ikkonferma li ghandu pero ma kienetx reghhet marret.

Nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 l-istess **PS 297 Teddy Baldacchino reggha xehed** [fol 75] fejn qal li Claire Polidano kienet marret l-Ghassa ghal habta tal-erbgha ta' filghodu u stenniet sal-hamsa u meta dahal hu xoghol

qaltlu li kellha xi tghid ma l-imputat. Qal li hu kien qalilha li kien ser jghmel rapport biex l-imputat jitressaq l-Qorti pero hi qaltlu li ma xtaqitx li l-imputat jitressaq l-Qorti u li ma rieditx taghmel rapport f'dak is-sens. Qal li hija kienet marret l-Ghassa biex bhala wens tinfurmhom x'kien gara. Qal li pero effettivament Claire Polidano kienet marret l-ghada u ghamlet rapport pero mhux ghandu. Qal li lilu qaltlu biss li l-imputat kien kissrilha l-mobile phone.

Illi nhar l-hamsa ta' Novembru 2001 **xehed Paul Polidano** [fol 33] fejn qal li jiftakar li darba jum il-Hadd ta' dik is-sena, qabel is-sajf, ohtu Claire Polidano, kienet cemplitlu u qaltlu biex imur jirrangalha l-bieb ta' barra tad-dar taghha, l-bieb ta' barra mhux tal-flat li ghandha fil-Qajjenza, ghaliex l-imputat il-gurnata ta' qabel kien mar u kissirulha u ghamel ghaliha wkoll. Qal li hu mar f'xi s-sebgha ta' filghodu u sab il-bieb imkisser u sab lil ohtu bid-demm f'widnejha u kellha nefha u qasma wkoll. Qal li l-bieb kellu l-lock miksura u l-bieb kien jidher sgassat. Ix-xhud qal li ohtu kienet qaltlu li l-imputat kien mar ghandha xi l-erbgha ta' filghodu kisser il-bieb u tela' ghaliha. Mistoqsi jekk rax xi oggetti miskurin gewwa, ix-xhud qal li ma jiftakarx li ra, apparti l-bieb li semma. Qal li lejliet l-incident hu kien ma ohtu ghal xi l-ghaxra ta' bil-lejl u kienu B'Bugia l-bar Southend u f'hin minnhom mar l-imputat biex forsi jiehu drink. Qal li l-imputat ma kienx mifthiem ma' ohtu Claire Polidano, kien mar hemm biss biex jiehu drink. Qal li dakinhar ohtu u l-imputat tkellmu u telqu flimkien. Qal li sa dak l-hin x'hin telqu kollox kien normali. Mistoqsi mid-difiza jekk kienx presenti meta nqala l-incident ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li ma jafx hu *di scienza propria* minn kisser il-bieb. Qal li ohtu kienet qaltlu li l-imputat kien wassalha d-dar, telaq, u wara rega' mar f'xi l-erbgha ta' filghodu, kisser il-bieb u dahal ghaliha. Qal li ohtu ma tathux spjegazzjoni ghaliex kien habat ghaliha l-imputat. Qal li sa fejn jaf hu ohtu m'ghandiex problemi partikolari.

Illi nhar l-hamsa ta' Novembru 2001 **xehed PC 829 Alan Dowell** [fol 39] fejn qal li hu kien presenti waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat li gharaf presenti fl-awla. Meta gie muri l-istqarrija dokument MSC ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuqha u zied jghid li qabel ma din

ittiehdet, l-imputat gie moghti s-solita twissija mill-Ispettur. Qal li kemm hu, kif wkoll l-Ispettur u l-istess imputat ffirmaw fuq din l-istqarrija.

Illi nhar t-tletin ta' April 2002 **xehed Louis Bezzina** izda x-xhieda tieghu m'instabitx fil-processs. Izda sussegwentement b'digriet ta' din il-Qorti tal-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2005, dan x-xhud rega' xehed **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 w ikkonferma** li hu kellu hanut li jbiegh certi mobiles pero ma setghax jikkonferma jekk huwa qatt harigx xi invoice f'isem Claire Polidano dwar il-mobile taghha.

Illi nhar s-sittax ta' Gunju 2004 **xehed l-imputat Noel Falzon** [fol 65] fejn qal li lil Claire Polidano kien ilu jafha sentejn u nofs fis-sens li kien jghix maghha ghal dan l-perjodu. Qal li f'dan iz-zmien ghamlu xi zmien konsiderevoli miggieldin. Nofsu kien hekk. Qal li maghha kien dejjem bl-inkwiet. Qal li l-problemi ta' bejniethom kienu jikkoncernaw il-fatt li Claire Polidano kienet tiehu d-droga. Qal li darba minnhom kienu riedu jtellghuha l-isptar Monte Carmeli u li kien ffirmalha hu biex ma titlax. Qal li missierha xtaq li tintbaghat l-isptar Monte Carmeli. Qal li darba minnhom anke ppruvat taghmel overdose u li ghandha xi kazijiet l-Qorti wkoll.

L-imputat kompla jghid li fis-sittax ta' Marzu kienet cemplitlu Claire Polidano biex jiltaqghu w inqalghet storja bhas-soltu. Bdew jargumentaw, kienet fuq t-telefon sabiex tinqeda ghad-droga u hu qabdilha t-telefon u sabbatulha. Qal li hu kien jakkumpanjha l-Floriana sabiex jiccekkjawlha l-urina. Qal li lilu kienet tippromettilu ta' spiss li kienet ser tieqaf mill-problema li kellha tad-droga pero dan nonostante baqghet ghaddejja bl-istess problema. Mistoqsi ma min kienet qed titkellem fuq t-telefon ix-xhud wiegeb li ma kienx cert pero minghalih li kien xi hadd in konnessjoni mad-droga. Qal li wara li sabbtilha t-telefon hi marret ghalih, hu mbuttaha u telaq 'l hemm. Qal li hu ma sgassax il-bieb biex dahal ghaliex hu kellu cavetta tal-post li jinsab fi Triq id-Daqquqa, fil-Qajjenza, u fejn sehh l-incident.

Qal li jekk mhux sejjer zball hi kienet marret taghmel rapport fil-konfront tieghu l-ghada tal-incident li sehh bejn s-sittax u sbatax ta' Marzu u mhux kif gie akkuzat bih bejn s-sbatax u t-tmintax ta' Marzu. Qal li jumejn wara l-incident hu rega' iltaqa ma Claire Polidano u hallasha erbgha w disghin lira tal-mobile li kien kissrilha. Qal li llum il-gurnata r-relazzjoni ta' bejniethom m'ghadhiex tezisti. Qal li hu ghandu bar B'Bugia u wara dan l-incident Claire Polidano kienet bdiet tmurlu fil-bar u hu kien waqqafha milli tibqa tmurlu hemmhekk. Qal li llum il-gurnata ma jaf xejn dwarha. Ftakar li l-Pulizija kienet baghtet ghalih l-ghada tal-incident u li hu ma kellux oggezzjoni li jiltaqa ma Claire Polidano dakinhar stess l-Ghassa tal-Pulizija. Qal li dak iz-zmien kellhom relazzjoni *on and off*. Qal li qabel l-incident in kwistjoni kien kellhom incident iehor dwar l-uzu tal-mobile fis-sens li ma jsirux telefonati aktar fuq il-mobile number tieghu. Qal li l-incident li kien qed jirreferi ghalih kien inqala s-Southend u wara kienu marru d-dar. Qal li hu fl-appartament ma ghamel ebda hsara u li meta dahal fih sab lil Claire Polidano fil-kamra tas-sodda. Mistoqsi jekk kellimx lil Claire Polidano dakinhar ix-xhud ma ftakarx jirrisondi u li hu kien mar l-flat fuq talba taghha u meta mar u sabha fuq il-mobile, qabdu u sabbtu mal-art u lilha laqghatha bil-mobile, jekk mhux sejjer zball f'ghonqha jew wiccha. Qal li fil-fatt hu beda jissara maghha biex johdilha l-mobile min idejha, hi bdiet taghmel opposizzjoni, gibdu u laqghatha f'ghonqha. Qal li idejh ma refghahomx fuqha u li wara telaq 'l hemm. Qal li minn dakinhar 'l quddiem ma regghax dahal fil-flat. Ix-xhud ftakar li kien irrilaxxja stqarrija pero ma ftakar xejn partikolari. Ix-xhud kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu stess a fol 4 tal-atti, wara li din giet moqrija lilu.

**Nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 l-imputat reggha xehed** [fol 74] fejn qal li l-incident in kwistjoni sehh bejn il-Gimgha sittax ta' Marzu w is-Sibt sbatax ta' Marzu 2001.

Nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 **l-Ispettur Maria Stella Cutajar** esibit l-fedina penali ta' Claire Poldano [fol 78] li giet immarkata bhala dokument MS [fol 80]. Mistoqsija minn kien il-Pulizija li lilu l-imputat ghamel rapport ix-xhud wiegbet li kien PC 375 Michael Dalli.

Nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 **xehed PC 375 Michael Dalli** [fol 82] fejn, mistoqsi min kien il-Pulizija ghassa fl-Ghassa B'Bugia bejn s-sittax, sbatax u tmintax ta' Marzu 2001 ix-xhud wiegeb li fis-sittax ta' Marzu mill-hamsa ta' filghodu sas-siegha kien hemm PS 134 u PC 1246, mis-siegha sad-disgha ta' filghaxija kien hemm PS 808 u PC 550. First watch jigifieri s-sittax u sbatax ta' Marzu bejn d-disgha ta' bil-lejl sas-sittax sal-hamsa ta' filghodu tas-sbatax kien hemm PS 853 u PC 1091 u PC 849. Fis-sbatax ta' Marzu bejn il-hamsa ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofsinhar kien hemm PS 297 u PC 997, mis-siegha sad-disgha kien hemm PS 853 u PC 849, mid-disgha ta' bil-lejl sal-hamsa ta' filghodu tat-tmintax ta' Marzu kien hemm PS 134 u PC 1023. Qal li PS 297 Teddy Baldacchino kien ghassa fis-sbatax ta' Marzu mill-hamsa ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar u kellu mieghu lil PC 997.

Illi fis-seduta tas-sittax ta' Marzu 2005 il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li d-data tal-allegat incident li sehh bejn s-sbatax w it-tmintax ta' Marzu 2001 tigi kancellata u sostitwita bid-dati bejn s-sittax u s-sbatax ta' Marzu 2001.

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2005, l-Kummissarju tal-Pulizija ppresenta nota fejn ittenta jispjega 'l ghala din il-Qorti ghandha tilqa t-talba li ssir l-korrezzjoni kif mitluba u dan ghaliex m'hija xejn hlief *lapsus calami* u dan nonostante li l-provi kienu waslu fi stadju tad-difiza.

Illi nhar t-tletin ta' Mejju 2005, l-imputat ippresenta r-risposta tieghu u sostna li din l-korrezzjoni tal-Prosekuzzjoni kif miktuba u fl-istadju li giet mitluba, u cioe wara li lahqet ttrattat d-difiza, m'ghandhiex tigi milqugha u fil-fatt ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Camilleri et**.

Illi l-Qorti ezaminat dik is-sentenza u ghalkemm huwa veru li dik il-Qorti qalet li "galadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li tintrabat ma data specifika … hi kellha tipprova

minghajr dubbju dettat mir-raguni, li l-vjolazzjoni tal-ligi sehhet f'dik il-gurnata partikolari."

Pero f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'talba *ad hoc* biex issir korrezzjoni fl-akkuza u mhux inghatat sentenza fejn d-data tal-incident kienet zbaljata.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva li ghalkemm il-komparixxi ma hiex Att t'Akkuza w ghalhekk l-uzu tal-kliem testwali tal-ligi mhux mehtieg kif rikjest fl-Att tal-Akkuza [artikolu 589(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta], pero xorta c-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva tirrikjedi li jkun fiha l-fatti tal-akkuzi u dan bl-istess mod bhal ma meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni - din l-akkuza jinhtieg li jkun fiha l-fatti tar-reat. "Dawn il-fatti jridu juru car r-reat li tieghu il-persuna tkun qed tigi imputata minghajr l-htiega ta' tigbiet ta' kliem jew immaginazzjoni jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reati jew reat qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb." [vide **Il-Pulizija v Philip Schembri *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Novembru 1994***].

Dan, l-ligi tesigih ghaliex b'hekk l-imputat ikun jista jipprepara d-difiza tieghu. Illum l-gurnata l-komparixxi mhux biss hija *avvizo di comparire*, izda din trid tinqara l-Qorti quddiem l-imputat u soggetta ghal artikolu 6(3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mhux ser tidhol fl-aspett kostituzzjonali li jesorbitaw mill-kompetenza taghha pero tirrileva li s-sub artikolu 2 tal-artikolu 360 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kellu, u ghandu l-iskop proprju li jaghti kemm jista jkun informazzjoni lil persuna li tkun giet avzata biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati bil-fatti specie tal-kaz *a brief statement of the facts of the charge*.

Hawnhekk ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhr t-tlieta ta' Marzu 1992*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Francis Portelli**, fejn dik il-Qorti ddikjarat li:

*"Citazzjoni mhix hlief ordni lil imputat biex jidher quddiem il-Qorti. L-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kap 9 ma humiex mehtiega mill-ligi taht piena ta' nullita tal-att tac-citazzjoni jew il-liberazzjoni, jista d-difett taghha igib in-nullita meta tali mankanza trendi l-imputatazzjoni ncerta."*

F'din il-komparixxi il-Qorti thoss li l-Pulizija kienet negligenti meta pprezentatha b'data zbaljata pero dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tilqa t-talba taghha ghal korrezzjoni.

Fis-sentenza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Galea**, l-Qorti kienet laqghet talba ghal korrezzjoni li tirrigwarda biss tibdil fil-hin minn 'a.m.' jinbidel ghal 'p.m.'. Il-Qorti kienet awtorizzat din l-korrezzjoni ghaliex ma tbiddlix sostanzjalment l-imputazzjonijiet jew r-reati ipotizzati fuqha. Il-Qorti fil-fatt ikkonkludiet li

"*L-imputat kien jaf ben tajjeb ghal liema incident kienu jirreferu l-imputazzjonijiet b'mod ghalhekk li ma kienx hemm lok ghal differiment u lanqas ta' xi notifika mill-gdid*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Grech *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' Mejju 1992***, kienet laqghet t-talba tal-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fl-istadju finali tal-proceduri billi jkun hemm riduzzjoni fl-ammont ta' materjal li kien dovut. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ziedet tghid li ma kienx hemm lok ghal notifika mill-gdid. Irriteniet li:

*"Hu mportanti hu, li jkollu ntendiment car tal-akkuzi li ghalihom huwa jkun mitlub jirrispondi."*

Issa, f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li sa mill-bidu nett ghal x'hiex kien gie mitlub jirrispondi l-imputat tant li anke fl-istqarrija li hu rrilaxxja relatata mal-kaz hu ghogbu jirrispondi.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-korrezzjoni kif mitluba ghandha tigi milqugha u tordna lir-Registratur ta' din il-Qorti sabiex jaghmel l-korrezzjoni kif mitluba minghajr lok ta' differiment mill-gdid.

**Dwar il-mertu:**

Fl-istqarrija li rrilaxxja l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, jikkonferma li nhar s-sbatax ta' Marzu 2001, hu kellu xi jghid ma Claire Polidano u li sahansitra kissrilha anke l-mobile phone. Mistoqsi fuq x'hiex kellu xi jghid maghha, l-imputat stqarr li m'ghogbux min kien qed icempel lil Claire Polidano u ghalhekk hataf il-mobile minn idejha u sabtu mal-art u kissru. Mistoqsi jekk ikkagunax xi griehi fuq Claire Polidano, l-imputat ghogbu ma jirrispondix pero mistoqsi jekk garrabx xi griehi hu, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Illi fid-dawl ta' din l-istqarrija, u dak li qal l-imputat viva voce l-Qorti, jidher li l-incident verament sehh u li Claire Polidano spiccat b'diversi feriti kif qalet hija stess u deskritti f'certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor John Attard Montaldo [dokument MSC 2]. Illi din il-ferita kienet gravi u Claire Polidano damet tmien gimghat biex tfiqilha.

Illi ma hemmx dubbju wkoll li l-imputat ikkaguna hsara voluntarja fil-proprjeta ta' Claire Polidano kif ammess minnu stess u cioe billi kissrilha il-mobile phone taghha li ghandu valur ta' aktar minn hamsin lira maltin, kif del resto stqarr hu stess, meta qal li hallasha hamsa w tmenin lira maltin [ghalkemm hi tghid li dan mhux minnu].

Illi fil-fehma tal-Qorti l-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghal akkuza "g", gew ippruvati.

Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni <u>naqset</u> li tesibixxi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u wisq inqas naqset wkoll li tressaq xhud tal-identita taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b), 221(1), 339(1)(d),**

**338(1)(m), 339(1)(e), 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat NOEL FALZON hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b'eccezzjoni dik li kiser l-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2001, mill-liema akkuza tilliberah, u <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin</u> ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>oltre</u> dan qed tikkundanna lil hati jikkumpensa lil vittma Claire Polidano fl-ammont ta' mitejn lira maltin ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda wkoll tobbliga lil hati li ma jimmolestax lil Claire Polidano ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum taht penali ta' hamsin lira maltin fin-nuqqas.**
**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------